Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 23 ta' Marzu,2001

Avviz Nru: 1599/00

Korporazzjoni Enemalta

Vs

CPJ Limited

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlieta u sebghin lira Maltin u seba' u tmenin centezmu (Lm673.87) rapprezentanti danni minnha jew minn impjegati taghha ikkagunati f'cable tad-dawl propjeta' tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar it-18 t'Awissu 1998 fi Triq Kitanisti kantuniera ma' Triq il-Mandolina Birzebbuga.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju 2000, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali u bis-socjeta' konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi is-somma mitluba ta' sitt mija u tlieta u sebghin liri Maltin u sebgha u tmenin centezmi

(Lm673.87c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effet mis-27 ta' Gunju 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg